MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 915/2005

**Stephen Camilleri I.D. Numru 709662 (M)
vs
Chris Cachia ezercitanti fil-kummerc bl-isem « Distinct Conversions »**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentata fis-27 ta' April, 2005, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm929.50) u fejn intqal :**

**Illi fil-25 ta' Novembru, 2003, l-attur ghamel diversi xogholijiet favur il-konvenut kif jirrizulta mill-fattura, kopja annessa u mmarkata Dok A.
Illi l-bilanc dovut lill-konvenut lill-attur ghax-xogholijiet fuq imsemmija jammonta ghal disa' mija disgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm929.50c).**

**Illi l-konvenut, interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc minnu dovut baqa inadenpjenti.**
**Illi ghalhekk l-attur huwa kreditur favur il-konvenut fis-somma ta' disa' mija disgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm929.50c).**

**Ghaldaqstant l-attur talba li t-Tribunal :**
**a. Jidikkjara illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-attur fis-somma ta' disa' mija disgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm929.50c) ;**
**b. Jikkundana lill-konvenut ihallas dan l-ammont lill-attur.**
**Bl-ispejjex u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura.**
**Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fit-18 ta' Novembru, 2005, fejn intqal :**
**i. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kuntraddittur. Dan in vista tal-fatt illi hu personalment qatt ma inkariga lill-attur sabiex jgahmel xi xogholijiet u ghaldaqstant ghandhu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;**
**ii. Illi ukoll preliminarjament u minghajr predgudizzju ghal-premess ma tezisti l-ebda relazzjoni guridiku bejn l-attur u l-konvneut stante illi kif inghad, l-attur qatt ma gie inkarigat jaghmel l-ebda xoghol ;**
**iii. Illi fil-mertu, jekk sar xi xoghol mill-attur, dan ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk l-ebda ammont huwa dovut ;**
**iv. Illi wkoll fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghal-premess, l-ammont mitlub huwa eccessiv ;**
**v. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ;**
**Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.**
**Ikkunsidra :**
**1. Din id-decizzjoni tirigwarda l-ewwel eccezzjoni, cioe' dik dwar illi l-konvenut mhux illegitimu kontradittur.**
**2. Il-konvenut ma gab ebda prova in sostenn ta' dak li qed jghid u l-unika prova li hemm hija l-fattura esebita mill-attur Dok A. Dan id-dokument datat 25 ta'**

**Novembru, 2003, huwa d-dokument illi fuqu hi ibbazata l-kawza u minnu jidher illi x-xoghol sar lid-Ditta Distinct Conversions.  Ma ngiebet ebda prova dwar illi l-attur ma jezercitax il-kummerc taht dak l-isem.  Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ghanda tigi michuda.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jirrespingi l-ewwel eccezzjoni u jordna l-prosegwiment fil-meritu.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------